# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Cit. Nru. 1365/92 AJM**

**Frankie Refalo fil-kwalita' tieghu ta' direttur tal-kumpanija "Frank's Garage Ltd" ghan-nom, fl-interess u in rapprezentanza ta' l-istess**

**vs**

**Jason Azzopardi u Stanley Portelli**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Dan hu appell mis-segwenti sentenza preliminari moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Dr. Jason Azzopardi li hu ma kienx legittimu kontradittur, u konsegwentement kellu jigi estromess minn dawn il-proceduri qabel jigi trattat il-mertu.

“Din is-sentenza preliminari hija limitata ghall-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Jason Azzopardi, (illum l-Onorevoli Dr. Jason Azzoppardi) fejn qed jigi eccepit illi huwa ma huwiex il-leggittimu kontradittur f’dawn il-proceduri.

Din il-kawza tikkoncerna talba ghar-risarciment tad-danni sofferti mil-attur bhala sid vettura tal-kiri li kienet involuta f’incident awtomobilistiku fil-5 ta’ Jannar 1990 f’Ghawdex waqt li kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut l-iehor Stanley Portelli.

L-eccipjent Azzopardi qed jissottometti li gia la darba huwa ma kienx iffirma l-Hirer Declaration Form fir-rigward tal-vettura involuta fl-incident, u ma kienx in kontroll tal-vettura in kwistjoni fil-hin tal-incident, huwa ma jista’ jkollu ebda responsabbilita’ ghad-danni u ghalhekk ghandu jinhareg mill-kawza.

L-attur  qed isostni li t-trattattivi ghall-kiri tal-vetturi in kwistjoni saru, sa mil-bidu nett, mal-konvenut Azzopardi u kien hu li ha konsenja tal-vetturi u kwindi ghandu jinzamm responsabbli.

Apparti l-kwistjoni ta’ responsabbilita’ ghad-danni tal-konvenut Azzopardi jirrizulta ex admissis li kien huwa stess li cempel lill-attur biex jibbukja vettura ghal kiri matul il-mawra ta’ Azzopardi u shabu f’Ghawdex. Hemm kontestazzjoni dwar jekk kellhiex tigi mikrija vettura wahda li tasa’ lilhom ilkoll jew zewg vetturi, izda huwa cert li fil-mument li n-negozjati gew konkluzi gew mikrija zewg vetturi.

Issa Azzopardi isostni li huwa kien l-uniku wiehed li kellu licenzja tas-sewqan minn dawk il-persuni li telghu ghand l-attur biex jiehdu konsenja tal-vettura mikrija. Ghalhekk proprjament f’dak il-mument kien Azzopardi biss li seta’ jitkellem u jikkonkludi kuntratt ta’ kiri ta’ vettura ma l-attur. Il-fatt li gie indikat isem ta’ persuna ohra fuq il-“Hirer Declaration Form” – li del resto – ma kienetx presenti ghat-trattattivi, ma jbiddel xejn mil-obbligazzjonijiet assunti mill-istess Azzopardi waqt it-trattativi. Biex jehles minn xi obbligazzjoni li huwa kien assuma waqt dawn in-negozjati Azzopardi kien fi dmiru li jressaq il-persuna li isimha tnizzel fuq il-formola tal-kiri tal-vettura – dejjem jekk din kienet ser taccetta l-obbligi naxxenti mill-istess kirja. Dan jirrizulta li ma sarx.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Onor Dr. Jason Azzopardi u tiddijarah legittimu kontradittur.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Jigi sottolinejat qabel xejn li din is-sentenza tirrigwarda biss l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Dr. Jason Azzopardi li hu ma kienx il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. L-ewwel Qorti, anke fuq insistenza ta' l-istess appellant, ghazlet illi tittratta u tiddeciedi din l-eccezzjoni fi stadju preliminari, ghaliex qieset li jekk din setghet tigi sostnuta u definita favur l-eccipjent, dan seta' jigi mehlus mill-osservazzjoni tal-gudizzju bla ma jkollu ghalfejn javanza difiza fil-mertu. L-artikolu 729 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li jekk il-Qorti jidhrilha li qabel ma tghaddi 'l quddiem kellha tiehu konjizzjoni biss ta' eccezzjoni dilatorja, hija setghet tisma' fil-mertu dak li jista' jinfluwixxi fuq id-decizjoni tal-kwistjoni preliminari. Hekk jidher li ghamlet l-ewwel Qorti u dan hu rifless ukoll fid-dicitura tas-sentenza preliminari appellata illi sostanzjalment tillimita ruhha biex tiddetermina l-eccezzjoni li l-appellant ma kienx legittimu kontradittur billi stabbiliet fattwalment motivi li, fil-fehma taghha, kienu jimponu fuq l-istess appellant li jirrispondi ghall-addebiti migjuba fil-konfront tieghu mill-attur bl-azzjoni minn dan proposta.

Il-konsiderandi fis-sentenza appellata juru bic-car li l-ewwel Qorti stabbiliet fattwalment involviment ta' l-appellant fin-negozju li, skond l-appellat, ta lok ghar-relazzjoni guridika li minnha originat l-azzjoni. Is-sentenza preliminari allura bl-ebda mod ma ddefiniet il-mertu tat-talbiet attrici, lanqas fir-rigward tat-talba bazilari ta' l-azzjoni dik dwar ir-responsabilita'. Infatti l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti huma espressament kawtelati bil-frazi "apparti l-kwistjoni ta' responsabilita' ghad-danni tal-konvenut Azzopardi". Dan propju ghaliex dan l-aspett tal-vertenza, bhal kull aspett relattiv ghall-mertu tal-pretensjoni attrici, kien u ghadu impregudikat biex jigi epurat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Dan qed jinghad propju ghaliex l-aggravju ta' l-appellant kif espress fir-rikors ta' l-appell hu, ghall-kuntrarju, mmirat bhala ezercizzju biex il-Qorti tigi konvinta illi hu (l-appellant) ma kienx responsabbli ghad-danni pretizi mill-appellat. Hu infatti jinoltra ruhu f'esposizzjoni tad-diversi ragunijiet ghaliex tali reponsabilita' kellha tigi addebitata lil haddiehor u mhux lilu, kif ukoll biex jiggustifika l-pretensjoni tieghu illi hu ma kienx effettivament kera l-karozza nvoluta fl-incident li ta lok ghad-danni mertu tal-kawza, imma li kien effettivament kera biss karozza wahda. Cirkostanza din li d-definizzjoni taghha hi vitali ghad-determinazzjoni tal-mertu imma li hi ovvjament kontestata mill-appellat. Hi propju din il-kontestazzjoni li tillegittima c-citazzjoni tal-konvenut appellant bhala

parti in kawza biex jikkontradici t-talba ta' l-attur lill-Qorti biex jaghmel tajjeb ghad-danni minnu reklamati.

Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.

Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha.  Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz -  illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti.  Kif lanqas ifisser li  l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess

negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.

Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut – dikjarat prima facielegittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.

Konsidrata f'dawn it-termini, is-sentenza preliminari, li cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx il-legittimu kontradittur ta' l-attur, tirrizulta wahda gusta, inkwantu l-fatti kif jirrizultaw fl-ezami limitat li l-ewwel Qorti necessarjament kellha taghmel, kienu pjenament jiggustifikaw l-konkluzzjoni li l-konvenut appellant kellu ghalxiex jirrispondi ghat-talbiet attrici billi dawn kienu adegwatament jistabilixxu li hu kien intrometta ruhu fin-negozju li minnu originat l-azzjoni. Il-kontestazzjoni dwar l-import ta' dak in-negozju u sa fejn dan kien jitfa' xi responsabilita' fuq il-konvenut appellant, hu propju l-mertu tal-kawza li ghad irid jigi epurat u deciz. F'dan ir-rigward il-jeddijiet ta' kull parti in kawza kienu u ghadhom impregudikati kif ghadhom impregudikati l-eccezzjonijiet l-ohra kollha avanzati mill-istess konvenut appellant li dwarhom l-ewwel Qorti ghad trid tiddelibera.

Ghal dawn il-motivi u f'dan is-sens is-sentenza appellata qed tigi konfermata. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif gja mill-ewwel Qorti decizi. Dawk ta' dan l-appell ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut appellant.

Dep/Reg

mm